MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 716/2009

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Resort Hotels Limited (C616)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fl-14 ta' Marzu, 1967 (Dok. A), 21 t'Awissu, 1967 (Dok. B), 14 ta' Dicembru, 1968 (Dok. C), in atti Nutar Dottor Francis Micallef, 28 ta' Mejju, 1982 (Dok. D), 6 ta' Mejju, 1983 (Dok. E), 2 ta' Lulju, 1985 (Dok. F), 20 t'April, 1989 (Dok. G), in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri, u 25 ta' Jannar, 1984 (Dok. H) in atti Nutar Dottor Paul Pullicino, is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Resort Hotels Limited;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Resort Hotels Limited fis-somma ta’ seba’ mija u erbat elef, hames mija u tmenin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€704,580.49) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Accounts*” tas-socjeta` Resort Hotels Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “I1 sa I9”, “J1 sa J8”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Marzu, 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

4. Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata fl-4 ta’ Settembru, 2008 li kopja taghha giet esebita u mmarkata Dok “K”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` Resort Hotels Limited thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u erbat elef, hames mija u tmenin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€704,580.49) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Accounts*” tas-socjeta` Resort Hotels Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “I1 sa I9”, “J1 sa J8”) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Marzu, 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fl-4 ta’ Settembru 2008 kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mil-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata konfermata minn Vincent Ciliberti fil-kwalita` tieghu ta’ sekwestratarju gudizzjarju ta’ l-istess kumpanija, li biha esponiet:

1. Illi Vincent Ciliberti ghamel hiltu kollha kemm ilu li gie appuntat sekwestratarju gudizzjarju ta' Resort Hotels Limited sabiex jivverifika jekk il-bank attur ghandux jiehu flus minghand il-kumpannija konvenuta pero` s'issa ghad mhuwiex f'posizzjoni jghid x'inhi s-sitwazzjoni f'dan ir-rigward.

2. Subordinament u minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz il-bank attur ghandu jipprova l-kreditu tieghu skond kif trid il-ligi inkluz permezz ta' xhieda li jafu dwar il-kaz u permezz ta' dokumenti awtentici.

3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat il-lista ta' xhieda pprezentata mis-socjeta' intimata.

**C. PROVI:**
Rat illi xehdu Raymond Aquilina u Josette Tanti,

Rat li fis-seduta tal-lum Dr. Dominic Cassar ghas-socjeta` attrici pprezenta nota "li biha tirriduci l-pretensjoni taghha ghas-somma ta' sitta u erbghin elf u disgha w hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€46,059.97) flimkien mal-imghax legali mill-5 ta' April, 2013 sal-jum tal-effettiv pagament *stante* pagament fil-mori tal-kawza."

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Pierre Lofaro ipprezenta nota tal-kumpanija konvenuta "li permezz taghha qeghda tammetti t-talba attrici kif dedotta."

**D: KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tal-bank rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed t-tilqa' l-istess talba filwaqt li tikkundanna lis-socjeta` Resort Hotels Limited thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma kif ridotta ta' €46,059.97 bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Accounts*" tas-socjeta` Resort Hotels Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax legali mill-5 ta' April, 2013 sal-jum effettiv tal-pagament.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------